DEĊIŻJONIJIET

DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2021/1112

tal-25 ta' Ġunju 2021

li temenda d-Deċiżjoni 2013/767/UE fir-rigward tal-estensjoni tal-mandat tal-organizzazzjonijiet membri tal-gruppi ta' djalogu ċivili li tittratta kwistjonijiet koperti mill-politika agrikola komuni

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Billi:

(1) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2013/767/UE [1] waqqfet qafas għal djalogu ċivili fi kwistjonijiet koperti mill-politika agrikola komuni, f'konformità mal-Artikolu 11(2) tat-TUE.

(2) L-organizzazzjonijiet membri tal-gruppi ta' djalogu ċivili [2] (CDGs) inħatru għal mandat ta' seba' snin, li jiskadi f'Lulju 2021. Madankollu, il-ħtieġa li jiġġedded il-mandat ta' dawk l-organizzazzjonijiet membri taħbat mal-fażi finali tan-negozjati interistituzzjonali dwar il-politika agrikola komuni l-ġdida li se tkun applikabbli mill-2023. Barra minn hekk, l-eżitu tar-riforma tal-politika agrikola komuni, li se tkun segwita mill-adozzjoni ta' serje ta' atti ta' implimentazzjoni u atti delegati, jenħtieġ li jkollhom impatt fuq l-istruttura l-ġdida tas-CDGs.

(3) Is-sistema eżistenti tas-CDGs taqbel mal-arkitettura attwali tal-leġiżlazzjoni agrikola tal-Unjoni. Għaldaqstant, jenħtieġ li l-mandat tal-organizzazzjonijiet membri jiġi estiż sal-31 ta' Diċembru 2022, b'segwitu għar-raġunament tar-Regolament (UE) 2020/2220 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [3], li jiżgura tranżitu lejn il-politika agrikola komuni l-ġdida u estenda l-biċċa l-kbira tar-regoli applikabbli attwalment sal-aħħar tal-2022.

(4) Jenħtieġ li l-kompożizzjoni tas-CDGs tibqa' l-istess matul il-perjodu ta' estensjoni tal-mandat tal-organizzazzjonijiet membri tagħhom. Madankollu, jenħtieġ li l-organizzazzjonijiet membri jkunu ħielsa li jiddeċiedu jekk jixtiqux jirtiraw is-sħubija tagħhom matul dak il-perjodu.

(5) Sabiex tissaħħaħ l-operabbiltà tas-CDGs matul il-perjodu ta' estensjoni tal-mandat tal-organizzazzjonijiet membri tagħhom, u f'konformità mal-prattika standard għall-gruppi ta' esperti tal-Kummissjoni, jenħtieġ li l-Kummissjoni tieħu f'idejha l-kariga ta' President tas-CDGs. Barra minn hekk, ċerti arranġamenti fir-rigward tal-aġenda u tal-minuti tal-laqgħat, jenħtieġ li jkunu allinjati mal-prattika segwita fi gruppi ta' esperti oħra bil-ħsieb li tiġi żgurata l-konsistenza.

(6) Għaldaqstant jenħtieġ li d-Deċiżjoni 2013/767/UE tiġi emendata skont dan,

---

[1] Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2013/767/UE tas-16 ta' Diċembru 2013 li twaqqaf qafas għal djalogu ċivili fi kwistjonijiet koperti mill-politika agrikola komuni u li tħassar id-Deċiżjoni 2004/391/KE (ĠU L 338, 17.12.2013, p. 115).

[2] Mil-lat ta' istituzzjoni, il-Gruppi ta' Djalogu Ċivili huma gruppi ta' esperti tal-Kummissjoni fis-sens tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2016) 3301.

[3] Ir-Regolament (UE) 2020/2220 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Diċembru 2020 li jistabbilixxi ċerti dispożizzjonijiet tranżizzjonali għall-appoġġ mill-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR) u mill-Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija (FAEG) fis-snin 2021 u 2022 u li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1305/2013, (UE) Nru 1306/2013 u (UE) Nru 1307/2013 fir-rigward tar-riżorsi u l-applikazzjoni fis-snin 2021 u 2022 u r-Regolament (UE) Nru 1308/2013 fir-rigward tar-riżorsi u d-distribuzzjoni ta' tali appoġġ fir-rigward tas-snin 2021 u 2022 (ĠU L 437, 28.12.2020, p. 1).

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Id-Deċiżjoni 2013/767/UE hija emendata kif ġej:

(1) fl-Artikolu 3, jitħassar il-paragrafu 2;

(2) fl-Artikolu 4(5), il-formulazzjoni introduttorja hija sostitwita b'dan li ġej:

"Il-mandat tal-organizzazzjonijiet membri għandu jiskadi fil-31 ta' Diċembru 2022. Organizzazzjoni membru tista' tiġi sostitwita fi grupp fejn:";

(3) L-Artikolu 5 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"1. Rappreżentant tal-Kummissjoni għandu jippresjedi l-laqgħat.";

(b) il-paragrafi 2 u 3 jitħassru;

(c) fil-paragrafu 4, l-ewwel sentenza hija sostitwita b'dan li ġej:

"4. Ma għandu jittieħed ebda vot fi tmiem id-diskussjoni tal-grupp.";

(d) il-paragrafu 5 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"5. Il-minuti tad-diskussjoni ta' kull punt fuq l-aġenda u tal-opinjonijiet mogħtija mill-grupp għandhom ikunu siewja u kompluti. Il-minuti għandhom jiġu abbozzati mis-segretarjat, taħt ir-responsabbiltà tal-President.";

(e) il-paragrafu 7 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"7. Id-Direttorat Ġenerali jista' jistieden esperti minn barra l-grupp b'kompetenzi speċifiċi f'suġġett li jkun fl-aġenda ħalli jieħdu sehem f'ħidmet il-grupp jew fil-grupp ta' ħidma fuq bażi *ad hoc*. Barra minn hekk, ir-rappreżentant tal-Kummissjoni jista' jagħti status ta' osservatur lil individwi jew lil organizzazzjonijiet kif jiddefinixxi l-Artikolu 4(2), dment li l-parteċipazzjoni tagħhom ma theddidx il-bilanċ tal-gruppi jew tal-gruppi ta' ħidma. Dawn għandu jkollhom id-dritt li jitkellmu, meta l-President jistedinhom jagħmlu dan."

(f) il-paragrafu 10 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"10. Id-dokumenti rilevanti kollha, inkluż l-aġendi, il-minuti u s-sottomissjonijiet tal-parteċipanti, għandhom ikunu disponibbli jew fir-Reġistru tal-gruppi ta' esperti tal-Kummissjoni u entitajiet oħra simili jew permezz ta' link mir-Reġistru għal sit elettroniku dedikat, fejn ikun hemm din l-informazzjoni. L-aċċess għal siti elettroniċi iddedikati ma għandux ikun sottomess għal reġistrazzjoni tal-utent jew għal restrizzjoni oħra. B'mod partikolari, l-aġenda u dokumenti rilevanti oħra ta' kuntest, għandhom jiġu ppubblikati fi żmien xieraq qabel il-laqgħa, u wara dan, il-minuti għandhom jiġu ppubblikati f'waqthom. Eċċezzjonijiet għall-pubblikazzjoni għandhom jiġu pprovduti biss fejn jitqies li l-iżvelar ta' dokument idgħajjef il-protezzjoni ta' interess pubbliku jew privat kif definit fl-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 1049/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (*).

(*) Ir-Regolament (KE) Nru 1049/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2001 dwar l-aċċess pubbliku għad-dokumenti tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni (ĠU L 145, 31.5.2001, p. 43).".

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fis-seba' jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, il-25 ta' Ġunju 2021.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN